# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tas-15 ta' Dicembru 2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jason F. Sultana)**

**Vs**

**Allan Grima**

**Appell Nru: 6/2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Allan Grima detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 115783M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

B'diversi atti maghmulin minnu li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Nhar il-1 ta' Dicembru 2014 ghall-habta tat-0800hrs fil-Gzira, ikkommetta serq ta' vettura Toyota Yaris bin-numru tar-registrazzjoni BER322 ta' ammont li jeccedi l-valur ta' elfejn tlett mija u disgha w disghin ewro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), liema serq huwa aggravat bil-valur u kif ukoll bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Bernice Delia detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 150488M u dan bi ksur ta' artikolu 261(c)(g), 267, 271(g), 279(b) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Nhar l-1 ta' Dicembru 2014 ghall-habta ta'1230hrs f'dawn il-Gzejjer b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghla titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex jqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' Euro 550 ghad-dannu ta' Ryan Bartolo u jew persuni ohra, ai termini ta' l-artikoli 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kodici Kriminali;

3. Nhar it-22 ta' Dicembru 2014 f'xi hin bejn1300hrs u 1700hrs fl-Mdina ikkommetta serq ta' oggetti ta' ammont li jeccedi l-valur ta' €232.94 izda inqas minn €2329.37, minn vettura Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni JBC284, liema serq huwa aggravat bil-valur u kif ukoll bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Ramon Vella detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 311973M u dan bi ksur ta' artikolu 261(c)(g), 267, 271(g), 279(a) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Nhar it-22 ta' Dicembru 2014 f'xi hin bejn1300hrs u 1700hrs fl-Mdina volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal anqas minn €116.47 ghad-detriment ta' Ramon Vella detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 311973M bhala sid il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JBC284 u dan bi ksur ta' artiklu 325(1)(b) ta' Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Nhar it-23 ta' Dicembru 2014 f'xi hin bejn1300hrs u 1530hrs fl-Mdina ikkommetta serq ta' oggetti ta' ammont li jeccedi l-valur ta' €232.94 izda inqas minn €2329.37, minn vettura Mini Cooper bin-numru tar-registrazzjoni BBZ094, liema serq huwa aggravat bil-valur u kif ukoll bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Yentl Spiteri detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 530589M u dan bi ksur ta' artikolu 261(c)(g), 267, 271(g), 279(a) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Nhar it-23 ta' Dicembru 2014 f'xi hin bejn 1300hrs u 1530hrs fl-Mdina volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal anqas minn €116.47 ghad-detriment ta' Yentl Spiteri detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 530589M bhala sid il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JBC284 u dan bi ksur ta' artiklu 325(1)(b) ta' Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Nhar l-10 ta' Dicembru 2014 f'xi hin bejn 0730hrs u 1345hrs fl-Paola ikkommetta serq ta' Driller ta' ammont li jeccedi l-valur ta' €232.94 izda inqas minn €2329.37, minn vettura Tata bin-numru tar-registrazzjoni CBG031, liema serq huwa aggravat bil-valur u kif ukoll bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Ibrahim Al-Yassin detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 40032A u dan bi ksur ta' artikolu 261(c)(g), 267, 271(g), 279(a) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Nhar l-10 ta' Dicembru 2014 f'xi hin bejn 0730hrs u 1345hrs fl-Paola volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal anqas minn €116.47 ghad-detriment ta' Ibrahim Al-Yassin detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 40032A bhala sid il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CBG031 u dan bi ksur ta' artiklu 325(1)(b) ta' Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Nhar is-06 ta' Dicembru 2014, f'xi hin bejn 0645hrs u 1345hrs gewwa il-Gudja, ikkommetta serq ta' Stereota' ammont li ma jeccedix il-valur ta' €232.94 minn vettura Hyundai Scoupe bin-numru ta' registrazzjoni AAT375, liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Franco Cachia detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 199077M u dan bi ksur ta' artikolu 285, 261(g), 271(g) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. Nhar is-06 ta' Dicembru 2014, f'xi hin bejn 0645hrs u 1345hrs gewwa il-Gudja volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal anqas minn €116.47 ghad-detriment ta' Franco Cachia detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 199077M bhala sid il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAT375 u dan bi ksur ta' artiklu 325(1)(b) ta' Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

11. Nhar it-22 ta' Dicembru 2014 ghall-habta ta' 1530hrs fiz-Zejtun, ikkommetta serq ta' vettura Mazda 121 bin-numru tar-registrazzjoni FEN224 ta' ammont li jeccedi l-valur ta' elfejn tlett mija u disgha w disghin ewro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), liema serq huwa aggravat bil-valur u kif ukoll bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Rikard Darmanin detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 488741M u dan bi ksur ta' artikolu 261(c)(g), 267, 271(g), 279(b) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

13. Bejn l-1 ta' Dicembru u 23 ta' Dicembru 2014 f'dawn il-gzejjer, naqas milli jirrapporta lill-ufficjal awtorizzat minghajr dewmien, li xi wahda mill-partikolaritajiet li tinsab fil-karta ta' l-identita' tieghu u cioe' l-indirizz tal-lok ewlieni ta' residenza fejn abitwalment jorqod kif preskritt f'artikolu 5(2)(b) ta' Kap 258 tal-Ligijiet ta' Malta, ma baqatx aktar korretta u kif ukoll naqas li jaghti dak it-taghrif kollu mehtieg u dan bi ksur ta' artikolu 9 ta' l-Att dwar il-karta ta' l-identita', Kap 258 tal-Ligijiet ta' Malta;

14. Nhar is-16 ta' Dicembru 2014, gewwa diversi Toroq gewwa l-Birgu, ghal habta ta' bejn il-hdax u nofs (1130hrs) u nofsinhar (1200hrs) ta' filghodu, bil-hsieb li jweggha jew li jikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuni ta' WPS155 Rita Abela, PC215 Clint Zahra u PC1038 Adrian Zammit wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi saq il-vettura tal-ghamla Hyundai tip Excel bin-numru ta' registrazzjoni EAP903, fid-direzzjoni taghhom,

liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu;

15. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gewwa diversi toroq gewwa dawn il-Gzejjer naqas li jobdi ordnijiet legittimi t'awtorita' cioe' ta' WPS155 Rita Abela, PC215 Clint Zahra u PC1038 Adrian Zammit persuni nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallihx jew fixkel waqt li kien qieghed jaghmlu d-dmirijiet taghhom jew b'xi mod iehor bla jedd ndahal fi dmirijiethom billi ma hallihomx jaghmlu dak li b'ligi kien ordnat jew setghu jaghmlu jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li huma kien qed jaghmlu skond il-ligi jew b'xi mod iehor;

16. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura ghamla Hyundai tip Excel bin-numru ta' registrazzjoni EAP903 b'manjiera traskurata kbira, u perikoluza;

17. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura naqas li jkollu kontroll shih tal-vettura u vista shiha tat-triq u tal-vetturi;

18. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza, bla kont, traskuragni, negligenti, bi speed eccessiv u naqas milli jhares ir-regolamenti tat-traffiku;

19. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura ghamla Hyundai tip Excel bin-numru ta' registrazzjoni EAP903 minghajr ma kien kopert b'polza ta' sigurta' dwar ir-riskji ghat-terzi persuni;

20. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura ghamla Hyundai tip Excel bin-numru ta'

registrazzjoni EAP903 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan valida mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;

21. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

22. U aktar talli b'hekk renda ruhu recediv ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula u dan bi ksur ta' artikolu 49, 50 u 289 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

23. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwista b'reat u dan bi ksur ta' artikolu 334(a) ta' Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

24. u aktar talli kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu mill- Qorti tal-Magistrati Malta (Magistrat Dr Francesco Depasquale LL.D) b'digriet datat 30 ta' Ottubru 2014 li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet fosthom li huwa ma jikkommettix reat ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, kif ukoll li jiffirma fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Bormla fost anke diversi kundizzjonijiet ohra (Artikolu 574(1) ta' Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet sabiex f'kaz ta' htija tikkundannah ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll sabiex f'kaz ta' htija ta' imputazzjoni numru 12 sabiex tordna lill-Allan Grima ihallas €11.65 ghal kull gurnata li matulha jitkompla r-reat u dan kif mahsub f'artikolu 14(1) ta' l-Att dwar il-karta ta' l-identita', Kap 258 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar l-24 ta' Dicembru, 2014, li biha, wara li astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-imputazzjoni numru tnejn u ghoxrin u wara li rat l-artikoli 17, 18, 20, 31, 41(1)(a), 49, 50, 216, 261(c)(g), 267, 271(g), 279(a)(b), 280(1), 285, 289, 308, 309, 310(1)(b), 325(1)(b), 338(ee), 574(1) u 579 tal-Kapitolu 9, l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65, l-artikolu 3(1) (2(a)) (2A) tal-Kapitolu 104, l-artikolu 9 tal-Kapitolu 258 u t-Taqsimiet 4 u 6 u l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b(ii) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni sussidjarja 101.02 u r-regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, l-Artikoli 40A, 120A(1)(a) sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra kollha u kkundannatu ghall-piena ta' sentejn (2) prigunerija. Oltre dan, il-Qorti ordnat ukoll l-iskwalifika tal-licenzji kollha tas-sewqan tal-appellant ghal zmien sitt (6) xhur li jibdew jiddekorru min-nofs il-lejl tal-istess jum. Il-Qorti astjeniet ukoll milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas ta' esperti billi ma rrizultax li nhatru esperti. Il-Qorti astjeniet ukoll milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba ghall-imposizzjoni ta' penali a tenur ta' l-artikolu 14(1) tal-Kap 258 u dan billi l-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kienitx qeghda tinsisti fuq it-talba taghha;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar id-9 ta' Jannar, 2015, li bih talab lill-din il-Qorti tannulla, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u għalhekk wara li tiddikjara s-sentenza appellata bħala nulla u bla effett tirrevokaha u tordna lir-

Reġistratur sabiex minnufiħ jibgħat l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti istruttorja biex tipproċedi bis-smiegħ tal-kawża skond il-liġi; jew sussidjarjament u fil-każ biss li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li ma għandhiex tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant, li tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti tagħha fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tnejn u ghoxrin imputazzjoni, fejn sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra kollha u fejn ordnat l-iskwalifika tal-licenzji kollha tas-sewqan fil-konfront ta' l-imputat ghal zmien sitt (6) xhur, u tħassarha f'dik il-parti konċernanti l-erogazzjoni tal-piena ta' sentejn (2) prigunerija u fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba ghall-imposizjoni ta' penali a tenur tal-Kap 258 u minflok għar-raġunijiet premessi tgħaddi biex teroga l-piena idoneja komplessiva kontra tiegħu skont il-liġi.

Rat l-atti kollha tal-process;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat;

Ikkunsidrat:

1. Illi kif jemergi mill-atti processwali, l-appellat tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fl-24 ta' Dicembru 2014 sabiex iwiegeb ghall-22 imputazzjoni u ghall-adebitu tar-recidiva. F'dik is-seduta l-appellat irregistra ammissjoni u wara li inghata zmien sabiex jikkontempla d-dikjarazzjoni tieghu, huwa kkonferma l-ammissjoni u l-Qorti ghaddiet sabiex tipprolata s-sentenza taghha. L-Avukat Generali ma kienx ghadu ta l-kunsens tieghu ai termini tal-artikolu 370(3) tal-Kodici Kriminali sabiex l-appellat ikun gudikat mill-Qorti tal-Magistrati liema kunsens kien mehtieg peress illi uhud mill-imputazzjonijiet kienu jezorbitaw mill-kompetenza originali tal-ewwel Qorti. Minkejja dan, l-Qorti setghet legittimament, kif fill-fatt ghamlet, tipprocedi bl-ghoti tas-sentenza bl-applikazzjoni tal-artikolu 392A tal-Kodici Kriminali wara li twissieh bl-aktar mod solenni fuq il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtih ftit taz-zmien biex jerga' lura minn dik l-ammissjoni. Dan kien possibbli fir-rigward tal-

imputazzjonijiet kollha li ma kienux ta' kompetenza originali izda certament mhux fir-rigward tal-imputazzjoni enumerata 20, dik dwar pussess ta' droga eroina minghjar awtorizzazzjoni kontra d-dispost tal-Kapitolu 101 tal-ligijiet ta' Malta kif ser ikun konsiderat aktar 'l quddiem;

2. Opportunement ikun spjegat illi l-Att III tal-2002, introduca l-artikolu 392A fil-Kodici Kriminali li permezz tieghu setghet ssir ammissjoni ghall-dawk l-imputazzjonjiet li kienu jezorbitaw il-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati, igifieri l-piena ta' prigunerija ta' mhux aktar minn sitt xhur purche' l-imputazzjonijiet ma jkunux jimpurtaw piena ta' aktar minn ghaxar snin. Tali ammissjoni setghet issir biss fl-ewwel seduta u l-Qorti setghet imbaghad tghaddi ghas-sentenza taghha. Bis-sahha tal-Att IV tal-2014, l-fakolta' ta' l-ammissjoni u sentenza kienet estiza ghall-kwalunkwe stadju tal-proceduri u b'hekk ma baqghetx limitata biss ghall-ewwel seduta. L-Att VIII tal-2015 imbaghad zied il-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati ghal-prigunerija ta' mhux aktar minn tnax-il sena u din kienet naturalment riflessa ukoll fl-artikolu 392A;

3. L-artikolu 392B tal-Kodici Kriminali, introdott bl-Att IV tal-2014, imbaghad provda ghall-dawk l-ammissjonijiet quddiem il-Qorti tal-Magistrati dwar imputazzjonijiet ta' rejati li jgorru piena ta' aktar minn ghaxar snin prigunerija (mizjuda ghall-12-il sena bl-Att VIII tal-2015) f'liema kaz l-Qorti ghandha tirremetti l-atti lill-Avukat Generali u tinnotifika lir-Registratur tal-Qorti Kriminali bil-makkanizzmu li jsegwi sabiex il-Qorti Kriminali tghaddi ghas-sentenza taghha;

4. Issa, l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat mertu tas-sentenza hawn appellata, hlief dik numru 20, ma jgorru piena ta' aktar minn ghaxar snin prigunerija (l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati fid-data li fiha instemgha l-kaz odjern). L-

imputazzjoni numru 20, izda, dik rigwardanti pussess aggravat ta' droga eroina, kienet iggorr maghha piena ta' aktar minn ghaxar snin prigunerija fil-kaz li l-Avukat Generali jaghzel illi jibghat lill-appellat sabiex iwiegeb ghall-akkuza quddiem il-Qorti Kriminali (ex artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-ligijiet ta' Malta). Dik l-ghazla hija prerogattiva tal-Avukat Generali, liema decizzjoni llum hija soggetta ukoll ghad-diskrezzjoni tal-Qorti Kriminali fit-termini tal-artikolu 22 (2B) (b) tal-Kapitolu 101. Fil-kaz li l-Avukat Generali jaghzel li jibghat lill-imputat biex ikun gudikat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), u fil-kaz li tinstab htija, allura l-Qorti tista' timponi piena ta' prigunerija sa massimu ta' ghaxar snin. L-Avukat Generali, izda, kien ordna li l-appellat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-ksur tal-provvedimenti tal-Ordinanza Kap 101;

5. Issa, la darba kien hemm imputazzjoni wahda li kienet tezorbita l-kompetenza tal-ewwel Qorti, dik il-Qorti ma setghetx tipprocedi bil-prolazzjoni tas-sentenza u skond il-ligi vigenti dakinhar, kellha tissokta bil-kompilazzjoni kontra l-imputat sakemm l-Avukat Generali jew johrog kontro-ordni ghas-smiegh tal-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati jew johrog att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali;

6. Illi ghalhekk l-Avukat Generali ghandu ragun fl-ewwel aggravju fl-appell tieghu bil-konsegwenza illi s-sentenza appellata hija wahda nulla. Ghalhekk ukoll ma hemmx htiega li jkunu konsiderati l-aggravji l-ohra li huma ta' natura sussidjarja;

7. Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba tal-Avukat Generali, tilqa' l-ewwel talba u konsegwentement tannulla u thassar is-sentenza appellata u fit-termini tal-artikolu 428(1) tal-Kapitolu 9 tordna li l-atti jintbghatu lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja sabiex tkompli

tipprocedi mill-gdid skond il-ligi kontra l-appellat li ghandu jitqieghed fil-posizzjoni li kien qabel l-ghoti tas-sentenza appellata.